Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla)

25 ta’ Novembru 2020*

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Direttiva 2003/109/KE – Status taċ-ċittadini ta’ pajjiżi terzi residenti fit-tul – Artikolu 11 – Dritt għall-ugwaljanza fit-trattament – Sigurtà soċjali – Leġiżlazzjoni ta’ Stat Membru li teskludi, għad-determinazzjoni tad-drittijiet għal benefiċċju tal-familja, lill-membri tal-familja tar-resident fit-tul li ma jirrisjedux fit-territorju ta’ dan l-Istat Membru”

Fil-Kawża C-303/19,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Corte suprema di cassazione (il-Qorti Suprema ta’ Kassazzjoni, l-Italja), permezz ta’ deċiżjoni tal-5 ta’ Frar 2019, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-11 ta’ April 2019, fil-proċedura

**Istituto Nazionale della Previdenza Sociale (INPS),**

vs

**VR,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla),

komposta minn E. Regan, President tal-Awla, M. Ilešič, E. Juhász, C. Lycourgos u I. Jarukaitis (Relatur), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: E. Tanchev,

Reġistratur: M. Krausenböck, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tas-27 ta’ Frar 2020,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għall-Istituto Nazionale della Previdenza Sociale (INPS), minn A. Coretti, V. Stumpo u M. Sferrazza, avvocati,

– għal VR, minn A. Guariso u L. Neri, avvocati,

– għall-Gvern Taljan, minn G. Palmieri, bħala aġent, assistita minn A. Giordano u P. Gentili, avvocati dello Stato,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn C. Cattabriga, A. Azéma u B.-R. Killmann, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-11 ta’ Ġunju 2020,

* Lingwa tal-kawża: it-Taljan.

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 11(1)(d) tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE tal-25 ta' Novembru 2003 dwar l-istatus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti għat-tul (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 272).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn l-Istituto Nazionale della Previdenza Sociale (INPS) (l-Istitut Nazzjonali tas-Sigurtà Soċjali, l-Italja) u VR dwar iċ-ċaħda ta' talba għall-allowance tal-familja għal perijodu li matulu l-mara u t-tfal tal-persuna kkonċernata kienu residenti fil-pajjiż terz ta' oriġini tagħhom.

### Il-kuntest ġuridiku

#### *Id-dritt tal-Unjoni*

3 Il-premessi 2, 4, 6 u 12 tad-Direttiva 2003/109 jipprovdu:

"(2) Il-Kunsill Ewropew, fil-laqgħa speċjali tiegħu f'Tampere fil-15 u s-16 ta' Ottubru 1999, iddikjara li l-istatus legali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għandu ikun approssimat għal dak ta' ċittadini ta' l-Istati Membri u li persuni li tkun irresjediet legalment fi Stat membru għal perjodu ta' żmien li għandu jiġi stabbilit u li jkollha permess ta' residenza għat-tul għandha tingħata f'dak l-Istat Membru sett ta' drittijiet uniformi li jkunu kemm jista' ikun viċin dawk li jgawdu iċ-ċittadini ta' l-Unjoni Ewropea.

[…]

(4) L-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti għat-tul fl-Istati Membri hija element prinċipali fil-promozzjoni tal-koeżjoni ekonomika u soċjali, mira fundamentali tal-[Unjoni] dikjarata fit-Trattat.

[…]

(6) Il-kriterju prinċipali għall-kisba ta' l-istatus ta' residenti għat-tul għandu ikun it-tul ta' residenza fit-territorju ta' Stat Membru. Ir-residenza għandha tkun kemm legali u kontinwa sabiex turi li persuna tkun stabbilixxit l-għeruq tagħha f'dak il-pajjiż. Għandha ssir disposizzjoni għall-grad ta' flssibilità sabiex jingħata kont taċ-ċirkostanzi li fihom persuna setgħa kellha titlaq mit-territorju fuq bażi temporanju.

[…]

(12) Sabiex jikkostitwixxi strument ġenwin għall-integrazzjoni ta' residenti għal perjodu twil fis-soċjetà fejn ikunu jgħijxu, ir-residenti għat-tul għandhom igawdu ugwaljanza ta' trattament bħal taċ-ċittadini ta' l-Istat Membru f'firxa wiesa' ta' kwistjonijiet ekonomiċi u soċjali, taħt il-kondizzjonijiet relevanti definiti f'din id-Direttiva."

4 Skont l-Artikolu 2 ta' din id-direttiva, bit-titolu "Definizzjonijiet":

"Għall-finijiet ta' din id-Direttiva:

(a) 'ċittadin ta' pajjiż terz' tfisser xi persuna li ma tkunx ċittadin tal-l-Unjoni skond it-tifsira ta' l-Artikolu 17(1) tat-Trattat;

(b) 'residenti għat-tul' tfisser xi ċittadin ta' pajjiż terz li ikollu status ta' residenti għat-tul kif hekk provdut taħt l-Artikoli 4 sa 7;

[…]

(e) 'membri tal-familja' tfisser iċ-ċittadini ta' pajjiż terz li jirrisjedu fl-Istat Membru konċernat skond id-Direttiva tal-Kunsill 2003/86/KE tat-22 ta' Settembru 2003 dwar id-dritt tar-riunifikazzjoni tal-familja [(ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 224)];

[…]"

5 L-Artikolu 11 tal-imsemmija direttiva, bit-titolu "Trattament ugwali", jipprovdi:

"1. Ir-residenti għat-tul għandhom igawdu trattament ugwali ma' dak taċ-ċittadini fir-rigward ta':

[…]

(d) sigurtà soċjali, assistenza soċjali u protezzjoni soċjali kif definiti bil-liġi nazzjonali;

[…]

2. Fir-rigward tad-disposizzjonijiet tal-paragrafu 1, il-punti (b), (d), (e), (f) u (g), l-Istat Membru konċernat jista' jirrestrinġi trattament ugwali għall-każi fejn ir-residenza reġistrata jew il-post normali ta' residenza tar-residenti għat-tul, jew dak tal-membri tal-familja li għalihom hu/i jagħmer talba għall-benefiċċji, ikun jinsab fit-territorju ta' l-Istat Membru konċernat.

[…]

4. L-Istati Membri jistgħu jillimitaw it-trattament ugwali fir-rigward ta' assistenza soċjali u protezzjoni soċjali għall-benefiċċji prinċipali.

[…]"

***Id-dritt Taljan***

6 Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li d-Decreto legge n. 69 – Norme in materia previdenziale, per il miglioramento delle gestioni degli enti portuali ed altre disposizioni urgenti (id-Digriet-Liġi Nru 69 - Dispożizzjonijiet dwar is-Sigurtà Soċjali, għat-Titjib tal-Ġestjoni tal-Organi Portwali u Dispożizzjonijiet Urġenti Oħra), tat-13 ta' Marzu 1988 (GURI Nru 61 tal-14 ta' Marzu 1988), maqlub fil-Liġi Nru 153 tat-13 ta' Mejju 1988 (GURI Nru 112 tal-14 ta' Mejju 1988) (iktar 'il quddiem il-"Liġi Nru 153/1988") stabbilixxa l-allowance għan-nuklei familjari, li l-ammont tagħha jiddependi min-numru ta' tfal li għandhom inqas minn 18-il sena li jikkomponu n-nukleu familjari u mid-dħul tiegħu (iktar 'il quddiem l-"allowance għan-nuklei familjari").

7 L-Artikolu 2(6) tal-Liġi Nru 153/1988 jipprovdi:

"In-nukleu familjari għandu jkun kompost mill-konjuġi, bl-esklużjoni tal-konjuġi sseparati legalment u *de facto*, u mit-tfal u l-ekwivalenti [...] li għandhom inqas minn 18-il sena jew indipendentement mill-età tagħhom meta, minħabba diżabbiltà jew indeboliment mentali jew fiżiku, ikunu jinsabu f'inkapaċità totali u permanenti li jokkupaw impjieg bi ħlas. Jistgħu wkoll jagħmlu parti min-nukleu familjari, taħt l-istess kundizzjonijiet bħat-tfal u l-ekwivalenti, l-aħwa, in-neputijiet u t-tfal tat-tfal li jkollhom inqas minn 18-il sena jew indipendentement mill-età tagħhom meta, minħabba diżabbiltà jew indeboliment mentali jew fiżiku, ikunu jinsabu f'inkapaċità totali u permanenti li jokkupaw impjieg bi ħlas, jekk dawn ikunu orfni mill-missier u mill-omm u ma jkollhomx dritt għal pensjoni tas-superstiti."

8 Skont l-Artikolu 2(6-bis), tal-Liġi Nru 153/1988, in-nukleu familjari, fis-sens ta' din il-liġi, ma għandux jinkludi lill-konjuġi kif ukoll lit-tfal u lill-ekwivalenti taċ-ċittadin ta' pajjiż terz li ma jirrisjedux fit-territorju tar-Repubblika Taljana, ħlief jekk l-Istat taċ-ċittadin barrani jkun jirriżerva trattament reċiproku liċ-ċittadini Taljani jew ikun ikkonkluda ftehim internazzjonali fil-qasam tal-benefiċċji tal-familja.

9 Id-Direttiva 2003/109 ġiet trasposta fid-dritt nazzjonali permezz tad-Decreto legislativo n. 3 – Attuazione della direttiva 2003/109/CE relativa allo status di cittadini di Paesi terzi soggiornanti di lungo periodo (id-Digriet Leġiżlattiv Nru 3 - dwar it-Traspożizzjoni tad-Direttiva 2003/109), tat-8 ta' Jannar 2007 (GURI Nru 24, tat-30 ta' Jannar 2007) (iktar 'il quddiem id-"Digriet Leġiżlattiv Nru 3/2007"), li inkoprora d-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva fid-Decreto legislativo n. 286 – Testo unico delle disposizioni concernenti la disciplina dell'immigrazione e norme sulla condizione dello straniero (id-Digriet Leġiżlattiv Nru 286 - Test Ikkonsolidat tad-Dispożizzjonijiet li Jirregolaw l-Immigrazzjoni u l-Istatus tal-Barranin), tal-25 ta' Lulju 1998, (Suppliment Ordinarju għall-GURI Nru 191, tat-18 ta' Awwissu 1998) (iktar 'il quddiem id-"Digriet Leġiżlattiv Nru 286/1998"). L-Artikolu 9(12)(c) ta' dan id-digriet leġiżlattiv jipprevedi li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz detentur ta' permess ta' residenza fit-tul għandu jibbenefika, b'mod partikolari, mill-benefiċċji tas-sigurtà soċjali u tal-assistenza soċjali, "sakemm ma jkunx previst mod ieħor u bil-kundizzjoni li tingħata prova li ċ-ċittadin barrani effettivament jirrisjedi fit-territorju nazzjonali".

## Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

10 VR huwa ċittadin ta' pajjiż terz, impjegat fl-Italja u detentur ta' permess ta' residenza fit-tul mill-2010, skont id-Digriet Leġiżlattiv Nru 286/1998. Bejn Settembru 2011 u April 2014, il-mara tiegħu u l-ħamest itfal tiegħu rrisjedew fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom, jiġifieri l-Pakistan.

11 Peress li l-INPS irrifjuta, abbażi tal-Artikolu 2(6-bis) tal-Liġi Nru 153/1988, li jħallsu l-allowance għan-nuklei familjari matul dan il-perijodu, VR ressaq kawża quddiem it-Tribunale del lavoro di Brescia (il-Qorti Industrijali ta' Brescia, l-Italja) kontra l-INPS u l-persuna li timpjegah, fejn invoka n-natura diskriminatorja ta' dan ir-rifjut. Din il-qorti laqgħet it-talbiet tiegħu u kkundannat lill-konvenuti jħallsuh is-somom korrispondenti, wara li hija eskludiet l-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni li hija ddeċidiet kienet tmur kontra l-Artikolu 11 tad-Direttiva 2003/109.

12 L-appell ippreżentat mill-INPS kontra din id-deċiżjoni quddiem il-Corte d'appello di Brescia (il-Qorti tal-Appell ta' Brescia, l-Italja) ġie miċħud, peress li din il-qorti qieset li l-allowance għan-nuklei familjari kienet benefiċċju essenzjali tal-assistenza soċjali li ma setax jaqa' taħt id-derogi mill-ugwaljanza fit-trattament permessi mid-Direttiva 2003/109.

13 L-INPS għalhekk ippreżenta appell quddiem il-qorti tar-rinviju, il-Corte suprema di cassazione (il-Qorti Suprema ta' Kassazzjoni, l-Italja), li quddiemha huwa jsostni li l-allowance għan-nuklei familjari ma tikkostitwixxix benefiċċju tal-assistenza soċjali, iżda benefiċċju tas-sigurtà soċjali u li, fi kwalunkwe każ, din ma tistax titqies bħala benefiċċju essenzjali li ma jistax jidderoga mill-obbligu ta' ugwaljanza fit-trattament.

14 Il-qorti tar-rinviju tindika li s-soluzzjoni tat-tilwima fil-kawża prinċipali tiddependi mill-interpretazzjoni tal-Artikolu 11(1)(d) tad-Direttiva 2003/109 u mill-kwistjoni dwar jekk din id-dispożizzjoni timplikax li l-membri tal-familja tar-resident fit-tul, detentur tad-dritt għall-ħlas tal-allowance għan-nuklei familjari previst fl-Artikolu 2 tal-Liġi Nru 153/1988, jaqgħu taħt iċ-ċirku tal-membri tal-familja li jibbenefikaw minn dan il-benefiċċju, minkejja li huma jirrisjedu barra mit-territorju Taljan.

15 Hija tippreċiża, f'dan ir-rigward, li n-nukleu familjari previst fl-Artikolu 2 tal-Liġi Nru 153/1988 jikkostitwixxi mhux biss il-bażi ta' kalkolu tal-allowance għan-nuklei familjari, iżda wkoll il-benefiċjarju ta' din tal-aħħar, permezz tad-detentur tar-remunerazzjoni jew tal-pensjoni li fuqha hija bbażata l-allowance. Din tal-aħħar tikkostitwixxi suppliment ekonomiku li minnu jibbenefikaw, b'mod partikolari, il-fornituri ta' xogħol kollha li jeżerċitaw l-attività tagħhom fit-territorju Taljan bil-kundizzjoni li huma jkunu parti minn nukleu familjari li d-dħul tiegħu ma jaqbiżx limitu stabbilit. Għall-perijodu ta' bejn l-1 ta' Lulju 2018 u t-30 ta' Ġunju 2019, l-ammont tagħha, bir-rata sħiħa, kien ta' EUR 137.50 fix-xahar għal dħul annwali li ma jaqbiżx EUR 14 541.59. Il-ħlas tagħha jsir mill-persuna li timpjega fl-istess ħin tar-remunerazzjoni.

16 Il-qorti tar-rinviju tindika wkoll li l-Corte suprema di cassazione (il-Qorti Suprema ta' Kassazzjoni) diġà kellha l-okkażjoni li tenfasizza, fil-ġurisprudenza tagħha, in-natura doppja tal-allowance għan-nuklei familjari. Minn naħa, din l-allowance, peress li hija marbuta mad-dħul ta' kull natura tan-nukleu famijari u intiża li tiggarantixxi dħul suffiċjenti lill-familji li ma jirċevuhx, taqa' taħt il-benefiċċji tas-sigurtà soċjali. Skont ir-regoli ġenerali tal-iskema ta' sigurtà soċjali li taħtha taqa' l-imsemmija allowance, il-protezzjoni tal-familji tal-ħaddiema f'impjieg hija implimentata permezz tal-ħlas ta' suppliment ta' remunerazzjoni relatat max-xogħol imwettaq. Iffinanzjata mill-kontribuzzjonijiet imħallsa mill-persuni kollha li jimpjegaw, li magħhom jiżdied suppliment imħallas mill-Istat, l-allowance għan-nuklei familjari titħallas mill-persuna li timpjega li tħallasha bil-quddiem u li hija awtorizzata twettaq tpaċija mal-kontribuzzjoni dovuta. Min-naħa l-oħra, din l-allowance taqa' taħt l-assistenza soċjali, inkwantu d-dħul meħud inkunsiderazzjoni jiżdied, jekk ikun il-każ, sabiex jiġu protetti l-persuni li jsofru minn diżabbiltà jew minn indeboliment fiżiku jew mentali jew il-minorenni li jesperjenzaw diffikultajiet persistenti fit-twettiq tal-inkarigi u l-funzjonijiet skont l-età tagħhom. F'kull każ, skont il-qorti tar-rinviju, din hija miżura li taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 11(1)(d) tad-Direttiva 2003/109.

17 Il-qorti tar-rinviju tenfasizza li l-membri tan-nukleu familjari huma ta' importanza essenzjali fl-iskema tal-allowance għan-nuklei familjari u huma meqjusa bħala l-benefiċjarji tagħha. Madankollu, fid-dawl tal-fatt li l-liġi tindika lill-membri tal-familja li jikkomponu n-nukleu familjari bħala l-benefiċjarji ta' benefiċċju ekonomiku li għandu dritt li jirċievi d-detentur tar-remunerazzjoni li fuqha hija bbażata din l-allowance, hija tistaqsi jekk l-Artikolu 11(1)(d) tad-Direttiva 2003/109 jipprekludix dispożizzjoni bħall-Artikolu 2(6-bis) tal-Liġi Nru 153/1988. B'mod partikolari, hija għandha dubju dwar l-interpretazzjoni ta' din id-direttiva fir-rigward tal-premessa 4 u tal-Artikolu 2(2)(e) tal-imsemmija direttiva.

18 Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li l-Corte suprema di cassazione (il-Qorti Suprema ta' Kassazzjoni) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li għamel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"L-Artikolu 11(1)(d) tad-Direttiva [...] 2003/109[...] kif ukoll il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament bejn residenti għat-tul u ċittadini nazzjonali għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi, bil-kontra ta' dak li huwa previst fir-rigward taċ-ċittadini tal-Istat

Membru, li l-membri tal-familja tal-ħaddiem resident għat-tul u li ġej minn pajjiż terz, jekk huma jirrisjedu fil-pajjiż terz ta' oriġini, huma esklużi miċ-ċirku tal-membri tan-nukleu familjari meħuda inkunsiderazzjoni għall-finijiet tal-kalkolu tal-allowance għan-nuklei familjari?"

**Fuq id-domanda preliminari**

19 Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 11(1)(d) tad-Direttiva 2003/109 għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li bis-saħħa tagħha, għall-finijiet tad-determinazzjoni tad-drittijiet għal benefiċċju tas-sigurtà soċjali, ma jittiħdux inkunsiderazzjoni l-membri tal-familja tar-resident fit-tul, fis-sens tal-Artikolu 2(b) ta' din id-direttiva, li ma jirrisjedux fit-territorju ta' dan l-Istat Membru iżda f'pajjiż terz, filwaqt li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-membri tal-familja taċ-ċittadin tal-imsemmi Stat Membru li jirrisjedu f'pajjiż terz.

20 Għandu jitfakkar li d-dritt tal-Unjoni ma jillimitax is-setgħa tal-Istati Membri li jorganizzaw l-iskemi ta' sigurtà soċjali tagħhom. Fl-assenza ta' armonizzazzjoni fuq il-livell tal-Unjoni, kull Stat Membru għandu jipprevedi l-kundizzjonijiet li fihom il-benefiċċji tas-sigurtà soċjali għandhom jingħataw, kif ukoll l-ammont ta' dawn il-benefiċċji u l-perijodu li matulu dawn għandhom jingħataw. Madankollu, meta jeżerċitaw din is-setgħa, l-Istati Membri għandhom jikkonformaw mad-dritt tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-5 ta' Ottubru 2010, Elchinov, C-173/09, EU:C:2010:581, punt 40).

21 L-Artikolu 11(1)(d) ta' din id-direttiva jimponilhom jiżguraw li r-residenti fit-tul igawdu ugwaljanza fit-trattament maċ-ċittadini nazzjonali f'dak li jirrigwarda, b'mod partikolari, is-sigurtà soċjali hekk kif iddefinita mil-leġiżlazzjoni nazzjonali.

22 Madankollu, skont l-Artikolu 11(2) tal-imsemmija direttiva, l-Istati Membri jistgħu jillimitaw l-ugwaljanza fit-trattament, fir-rigward, b'mod partikolari, tas-sigurtà soċjali, għall-każijiet fejn il-post ta' residenza rreġistrat jew abitwali tar-resident fit-tul, jew dak tal-membri tal-familja tiegħu li għalihom ikunu ntalbu l-benefiċċji, ikun jinsab fit-territorju tagħhom.

23 Għaldaqstant, id-Direttiva 2003/109 tipprevedi dritt għall-ugwaljanza fit-trattament, li jikkostitwixxi r-regola ġenerali, u telenka d-derogi minn dan id-dritt li l-Istati Membri għandhom il-possibbiltà li jistabbilixxu, liema derogi għandhom jiġu interpretati b'mod strett. Għaldaqstant, dawn id-derogi jistgħu jiġu invokati biss jekk l-entitajiet kompetenti fl-Istat Membru kkonċernat għall-implimentazzjoni ta' din id-direttiva jkunu esprimew b'mod ċar li huma kellhom l-intenzjoni li jinvokawhom (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-24 ta' April 2012, Kamberaj, C-571/10, EU:C:2012:233, punti 86 u 87, kif ukoll tal-21 ta' Ġunju 2017, Martinez Silva, C-449/16, EU:C:2017:485, punt 29).

24 Peress li l-qorti tar-rinviju għandha dubju dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 11(1)(d) tad-Direttiva 2003/109 fid-dawl tal-premessa 4 u tal-Artikolu 2(e) tagħha, għandu jiġi osservat, fl-ewwel lok, li, hekk kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punti 54 u 55 tal-konklużjonijiet tiegħu, din l-aħħar dispożizzjoni, li tiddefinixxi l-"membri tal-familja" bħala kull ċittadin ta' pajjiż terz li jirrisjedi fl-Istat Membru kkonċernat skont id-Direttiva 2003/86, ma hijiex intiża li tillimita d-dritt għall-ugwaljanza fit-trattament tar-residenti fit-tul previst fl-Artikolu 11 tad-Direttiva 2003/109, iżda biss li tiddefinixxi dan il-kunċett sabiex ikunu jistgħu jiġu mifhuma d-dispożizzjonijiet li, fiha, jużawh.

25 Barra minn hekk, jekk din id-definizzjoni kienet timplika li r-resident fit-tul li l-membri tal-familja tiegħu ma jirrisjedux fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat ikun eskluż mid-dritt għall-ugwaljanza fit-trattament, l-Artikolu 11(2) tad-Direttiva 2003/109, li jagħti l-possibbiltà lill-Istati Membri li jidderogaw minnu meta, b'mod partikolari, ir-residenza rreġistrata jew abitwali tal-membri tal-familja li għalihom dan iċ-ċittadin jitlob benefiċċji ma tkunx tinsab f'dan it-territorju, ikun nieqes minn kull raġuni.

26 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-premessa 4 tad-Direttiva 2003/109, għandu, qabel kollox, jitfakkar li l-preambolu ta' att tal-Unjoni ma għandux valur legali vinkolanti u ma jistax jiġi invokat la sabiex issir deroga mid-dispożizzjonijiet stess tal-att ikkonċernat u lanqas sabiex dawn id-dispożizzjonijiet jiġu interpretati b'mod manifestament kuntrarju għall-formulazzjoni tagħhom (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tad-19 ta' Novembru 1998, Nilsson *et*, C-162/97, EU:C:1998:554, punt 54, kif ukoll tad-19 ta' Diċembru 2019, Puppinck *et* vs Il-Kummissjoni, C-418/18 P, EU:C:2019:1113, punt 76).

27 Barra minn hekk, għalkemm minn din il-premessa jirriżulta li l-integrazzjoni taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti fit-tul fl-Istati Membri hija għan imfittex minn din id-direttiva, minn din il-premessa ma jistax jiġi dedott li r-resident fit-tul li l-membri tal-familja tiegħu ma jirrisjedux fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat għandu jiġi eskluż mid-dritt għall-ugwaljanza fit-trattament previst fl-Artikolu 11(1)(d) ta' din id-direttiva, peress li tali esklużjoni ma hija, barra minn hekk, stabbilita minn ebda dispożizzjoni tagħha.

28 Peress li l-INPS u l-Gvern Taljan isostnu li l-esklużjoni tar-resident fit-tul li l-membri tal-familja tiegħu ma jirrisjedux fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat tkun konformi mal-għan ta' integrazzjoni mfittex mid-Direttiva 2003/109, inkwantu l-integrazzjoni tippresupponi preżenza f'dan it-territorju, għandu jiġi rrilevat li mill-premessi 2, 4, 6 u 12 ta' din id-direttiva jirriżulta li din hija intiża li tiggarantixxi l-integrazzjoni taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti fit-tul u legalment fl-Istati Membri u, għal dan il-għan, li tapprossima d-drittijiet ta' dawn iċ-ċittadini ma' dawk li minnhom igawdu ċ-ċittadini tal-Unjoni, b'mod partikolari billi tistabbilixxi l-ugwaljanza fit-trattament ma' dawn tal-aħħar f'firxa wiesgħa ta' oqsma ekonomiċi u soċjali. Għalhekk, l-istatus ta' resident fit-tul jippermetti lill-persuna li tibbenefika minnu tgawdi mill-ugwaljanza fit-trattament fl-oqsma msemmija fl-Artikolu 11 tad-Direttiva 2003/109, skont il-kundizzjonijiet previsti f'dan l-artikolu (sentenza tal-14 ta' Marzu 2019, Y. Z. *et* (Frodi fir-riunifikazzjoni tal-familja), C-557/17, EU:C:2019:203, punt 63).

29 Minn dan isegwi li, kuntrarjament għall-allegazzjoni tal-INPS u tal-Gvern Taljan, il-fatt li r-resident fit-tul jiġi eskluż mid-dritt għall-ugwaljanza fit-trattament, anki meta l-membri tal-familja tiegħu ma jkunux jinsabu, matul perijodu li jista' jkun temporanju, hekk kif juru l-fatti tal-kawża prinċipali, fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat, ma jistax jitqies li huwa konformi ma' dawn l-għanijiet.

30 Għaldaqstant, bla ħsara għad-deroga permessa mill-Artikolu 11(2) tad-Direttiva 2003/109, Stat Membru ma jistax jirrifjuta jew inaqqas l-għoti ta' benefiċċju tas-sigurtà soċjali lir-resident fit-tul, minħabba li l-membri tal-familja tiegħu jew uħud minnhom ma jirrisjedux fit-territorju tiegħu iżda f'pajjiż terz, meta huwa jagħti dan il-benefiċċju liċ-ċittadini tiegħu indipendentement mill-post ta' residenza tal-membri tal-familja tagħhom.

31 Fir-rigward tal-kawża prinċipali, għandu jiġi kkonstatat, fl-ewwel lok, li l-qorti tar-rinviju tindika hija stess li l-allowance għan-nuklei familjari għandha b'mod partikolari n-natura ta' benefiċċju tas-sigurtà soċjali li jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 11(1)(d) tad-Direttiva 2003/109.

32 Fit-tieni lok, din il-qorti tindika li n-nukleu familjari jikkostitwixxi l-bażi ta' kalkolu tal-ammont ta' din l-allowance. L-INPS u l-Gvern Taljan isostnu, f'dan ir-rigward, li n-nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni tal-membri tal-familja li ma jirrisjedux fit-territorju tar-Repubblika Taljana jaffettwa biss dan l-ammont, li jkun ta' żero, hekk kif ippreċiża l-INPS waqt is-seduta, jekk il-membri kollha tal-familja jirrisjedu barra mit-territorju nazzjonali.

33 Issa, għandu jiġi osservat li kemm in-nuqqas ta' ħlas tal-allowance kif ukoll it-tnaqqis tal-ammont tagħha, skont jekk il-membri kollha tal-familja jew uħud minnhom ma jirrisjedux f'dan it-territorju, imorru kontra d-dritt għall-ugwaljanza fit-trattament previst fl-Artikolu 11(1)(d) tad-Direttiva 2003/109, peress li dawn jikkostitwixxu differenza fit-trattament bejn ir-residenti fit-tul u ċ-ċittadini Taljani.

34 Kuntrarjament għal dak li jsostni wkoll l-INPS, tali differenza fit-trattament ma tistax tiġi ġġustifikata mill-fatt li r-residenti fit-tul u ċ-ċittadini tal-Istat Membru ospitanti jinsabu f'sitwazzjoni differenti minħabba r-rabtiet rispettivi tagħhom ma' dan l-Istat, peress li tali ġustifikazzjoni tmur kontra l-Artikolu 11(1)(d) tad-Direttiva 2003/109 li, konformement mal-għanijiet tagħha mfakkra fil-punt 28 ta' din is-sentenza, jimponi ugwaljanza fit-trattament bejniethom fil-qasam tas-sigurtà soċjali.

35 Bl-istess mod, hekk kif jirriżulta minn ġurisprudenza stabbilita, id-diffikultajiet eventwali ta' kontroll tas-sitwazzjoni tal-benefiċjarji fir-rigward tal-kundizzjonijiet għall-għoti tal-allowance għan-nuklei familjari meta l-membri tal-familja ma jirrisjedux fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat, invokati mill-INPS u mill-Gvern Taljan, ma jistgħux jiġġustifikaw din id-differenza fit-trattament (ara, b'analoġija, is-sentenza tas-26 ta' Mejju 2016, Kohll u Kohll Schlesser, C-300/15, EU:C:2016:361, punt 59 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

36 Fit-tielet lok, il-qorti tar-rinviju tenfasizza li l-membri tan-nukleu familjari huma meqjusa, skont id-dritt nazzjonali, bħala li huma l-benefiċjarji tal-allowance għan-nuklei familjari. Madankollu, il-benefiċċju ta' din l-allowance ma jistax jiġi rrifjutat għal din ir-raġuni lir-resident fit-tul li l-membri tal-familja tiegħu ma jirrisjedux fit-territorju tar-Repubblika Taljana. Fil-fatt, għalkemm il-membri tan-nukelu familjari jibbenefikaw mill-imsemmija allowance, fatt li huwa l-għan stess ta' benefiċċju tal-familja, mill-indikazzjonijiet ipprovduti minn din il-qorti, esposti fil-punti 15 u 16 ta' din is-sentenza, jirriżulta li huwa fir-rigward tal-ħaddiem jew tal-pensjonant, li huwa wkoll membru tan-nukleu familjari, li din titħallas.

37 Minn dan isegwi li l-Artikolu 11(1)(d) tad-Direttiva 2003/109 jipprekludi dispożizzjoni, bħall-Artikolu 2(6-bis) tal-Liġi Nru 153/1988, li tipprovdi li ma jagħmlux parti min-nukleu familjari, fis-sens ta' din il-liġi, il-konjuġi kif ukoll it-tfal u l-ekwivalenti taċ-ċittadin ta' pajjiż terz li ma jirrisjedux fit-territorju tar-Repubblika Taljana, ħlief jekk l-Istat taċ-ċittadin barrani jkun jirriżerva trattament reċiproku liċ-ċittadini Taljani jew ikun ikkonkluda ftehim internazzjonali fil-qasam tal-benefiċċji tal-familja, sakemm, konformement mal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 23 ta' din is-sentenza, ir-Repubblika Taljana ma esprimitex b'mod ċar li hija kellha l-intenzjoni tinvoka d-deroga permessa mill-Artikolu 11(2) tagħha.

38 Issa, hekk kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punti 65 u 66 tal-konklużjonijiet tiegħu, mill-fajl li għandha l-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta u ġie kkonfermat matul is-seduta mir-Repubblika Taljana li din tal-aħħar ma esprimietx tali intenzjoni meta ttrasponiet id-Direttiva 2003/109 fid-dritt nazzjonali.

39 Fil-fatt, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2(6-bis) tal-Liġi Nru 153/1988 ġew adottati ferm qabel it-traspożizzjoni tad-Direttiva 2003/109, imwettqa permezz tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 3/2007 li inkorpora d-dispożizzjonijiet tagħha fid-Digriet Leġiżlattiv Nru 286/1998, li, fl-Artikolu 9(12)(c) tiegħu, jissuġġetta l-aċċess tad-detentur ta' permess ta' residenza fit-tul għall-benefiċċji tal-assistenza soċjali u tas-sigurtà soċjali għall-kundizzjoni li dan id-detentur ikun effettivament jirrisjedi fit-territorju nazzjonali, mingħajr ma jagħmel riferiment għall-post ta' residenza tal-membri tal-familja tiegħu.

40 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta għad-domanda magħmula għandha tkun li l-Artikolu 11(1)(d) tad-Direttiva 2003/109 għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li bis-saħħa tagħha, għall-finijiet tad-determinazzjoni tad-drittijiet għal benefiċċju tas-sigurtà soċjali, ma jittiħdux inkunsiderazzjoni l-membri tal-familja tar-resident fit-tul, fis-sens tal-Artikolu 2(b) ta' din id-direttiva, li ma jirrisjedux fit-territorju ta' dan l-Istat Membru iżda f'pajjiż terz, filwaqt li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-membri tal-familja taċ-ċittadin tal-imsemmi Stat Membru li jirrisjedu f'pajjiż terz, meta dan l-istess Stat Membru ma esprimiex l-intenzjoni tiegħu li jinvoka d-deroga mill-ugwaljanza fit-trattament permessa mill-Artikolu 11(2) tal-imsemmija direttiva meta huwa ttrasponiha fid-dritt nazzjonali.

**Fuq l-ispejjeż**

41 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**L-Artikolu 11(1)(d) tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE tal-25 ta' Novembru 2003 dwar l-istatus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti għat-tul, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li bis-saħħa tagħha, għall-finijiet tad-determinazzjoni tad-drittijiet għal benefiċċju tas-sigurtà soċjali, ma jittiħdux inkunsiderazzjoni l-membri tal-familja tar-resident fit-tul, fis-sens tal-Artikolu 2(b) ta' din id-direttiva, li ma jirrisjedux fit-territorju ta' dan l-Istat Membru iżda f'pajjiż terz, filwaqt li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-membri tal-familja taċ-ċittadin tal-imsemmi Stat Membru li jirrisjedu f'pajjiż terz, meta dan l-istess Stat Membru ma esprimiex l-intenzjoni tiegħu li jinvoka d-deroga mill-ugwaljanza fit-trattament permessa mill-Artikolu 11(2) tal-imsemmija direttiva meta huwa ttrasponiha fid-dritt nazzjonali.**

Firem